VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 150 tal-2017

ATT DWAR L-ARMI
(KAP. 480)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Armi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 65 tal-Att dwar l-Armi, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Armi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinfthiemu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Armi, hawn iktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 480.02

Jemenda r-regolament 83 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tifsira "kwalifiki" fir-regolament 83 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "u Liċenza ta' Negozjant tal-Armi skont it-Taqsima V ta' dawn ir-regolamenti" għandhom jiġu mħassra.

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 93, għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Airsoft u Paintball markers.

94. Airsoft u Paintball markers għandhom jintużaw biss f'żoni speċifikati approvati mill-Bord dwar l-Armi.

Żbandoli

95. Żbandoli għandhom biss jintużaw u jinġarru għall-fini ta' sajd jew għalf tal-ħut fl-akkwakultura.".